**Office of the Regulator**
**Granting of Citizenship for Exceptional Services**

# *Ħruġ tat-Tmien Rapport Annwali tar-Regolatur GħĊSE*

18 ta' April, 2023

It-Tmien Rapport Annwali imħejji mir-Regolatur GħĊSE tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti fis-17 ta' April 2023 mill-Ministru responsabbli għaċ-ċittadinanza skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub Artikolu 9 tal-Artikolu 25 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kap. 188. Għall-ewwel darba, dan ir-rapport ikopri sena kalendarja li tibda mill-1 ta' Jannar 2021 sal-aħħar ta' Diċembru 2021, u jinkludi *inter alia* dejta u statistika estensiva u dettaljata, informazzjoni relatata ma' temi li kienu fid-dominju pubbliku, kif ukoll il-kummenti u l-osservazzjonijiet tar-Regolatur GħĊSE dwar dawn it-temi, matul il-perjodu fuq imsemmi, kif ukoll informazzjoni ddettaljata dwar l-attivitajiet imwettqa mill-Uffiċċju tiegħu matul dan l-istess perjodu.

Wieħed jista' jara kopja diġitali ta' dan it-Tmien Rapport fit-taqsima 'Dokumenti u Links' ta' din il-websajt jew billi jikklikkja hawn.

2nd Floor, Evans Building, Merchants Street, Valletta, Malta
T: 25689381 E: orgces.mhse@gov.mt